C/2024/5521

12.9.2024

**Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Każ M.11632 – ALTEN / WORLDGRID)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(C/2024/5521)

1. Fl-4 ta' Settembru 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— ALT 08 SARL ("ALT 08", Franza), li fl-aħħar mill-aħħar hija kkontrollata minn Alten SA ("Alten", Franza),

— In-negozju Worldgrid, inkluż Worldgrid France SAS u entitajiet u assi oħra ta' Worldgrid ("Worldgrid", Franza), li fl-aħħar mill-aħħar huma kkontrollati minn Atos SE (Franza).

ALT 08 se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Worldgrid.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' xiri ta' ishma u ta' assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Alten tipprovdi servizzi dinjija tal-inġinerija u tal-IT lil klijenti korporattivi, tat-telekomunikazzjoni u tas-servizzi ewlenin għall-proġetti tagħhom b'dimensjoni teknoloġika fid-Diviżjonijiet Tekniċi, tar-Riċerka, tal-Iżvilupp u tas-Sistemi tal-Informazzjoni.

— Worldgrid tispeċjalizza fi proġetti ta' integrazzjoni u soluzzjonijiet tal-enerġija intelliġenti f'ħin reali għall-kumpaniji tal-enerġija u tal-utilitajiet tul il-ktajjen tal-valur tal-enerġija, l-ilma, iż-żejt u l-gass. Hija attiva fis-servizzi tal-IT u tat-teknoloġija operazzjonali, prinċipalment fl-Ewropa, b'mod partikolari fi Franza, fil-Ġermanja u fi Spanja, u fir-Renju Unit.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' koċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11632 – ALTEN / WORLDGRID

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË